# Ċ 4.1 NIES LI JGĦINUNA



**Ċ4.1.2.**
Nibnu relazzjoni tajba mal-istudenti eletti fil-kunsill tal-istudenti.

**A. Aqra, imbagħad wieġeb:**




Din is-sena Bertu ġie elett bħala president tal-Kunsill Skolastiku ta' Ħal Qadi. Bertu kellu karattru sod imma kien jimxi ma' kulħadd bil-ħlewwa. Qatt ma tisimgħu jgħid kontra ħadd, ta' ftit kliem u meta jkollu bżonn ikellem sod lil xi ħadd, ma joqgħodx jiddejjaq.

Fil-brejk, ħafna studenti saru jgħidulu ħafna affarijiet li jkunu qegħdin idejquhom. Bertu jisma' bil-paċenzja kollha, imbagħad fil-laqgħat tal-kunsill iressaq l-ilmenti tal-istudenti. Ilbieraħ Rita, li qiegħda fil-ħames sena, qaltlu li xi tfal iħobbu jħallu l-vit tal-ilma miftuħ wara li jaħslu jdejhom. Bertu mill-ewwel qal lill-kap tal-iskola u dan għamel avviż biex ma jibqax jinħela l-ilma għalxejn.

Dalgħodu Sandra qalet lil Bertu li l-għalliema tatha 'extra work' għad-dar. "U, għaliex tathulek?" staqsieha Bertu. "Għax m'għamiltx il-*homework* jumejn fuq xulxin!" irrispondiet Sandra. Kompliet Sandra, "L-għalliema dejjem miegħi taqbad, għalhekk qiegħed nugżaha lilek." Bertu tbissem u qalilha, "Illejla se tagħmlu l-*homework*?"



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**




1. Iddiskrivi l-karattru ta' Bertu

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Semmi kwalità tajba li għandu Bertu u li minħabba fiha, sħabu vvutawlu.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Min għamel sewwa li mar ikellem lil Bertu, Rita jew Sandra? Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'taħseb li weġbitu Sandra lil Bertu, meta dan staqsieha jekk kinitx se tagħmel il-*homework*?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Agħti żewġ raġunijiet għaliex il-Kunsill tal-Istudenti huwa bżonnjuż fl-iskola.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## B. Niktbu Ittra.

Ikteb ittra lill-President tal-Kunsill Lokali tal-istudenti biex tiringrazzjah ta' xi attività li organizza fl-iskola u li ħarġet tajjeb.

Sur President,

Dejjem tiegħek,

## Ċ. X'tixtieq li jagħmel il-Kunsill tal-istudenti fl-iskola?

Iddiskuti fil-klassi u wara agħmel is-suġġerimenti tiegħek.

